# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 310/2016**

Il-Pulizija

vs

**Josef Briffa**

iben Emanuel, imwieled Pieta', fit-8 ta' Settembru, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 418686(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Josef Briffa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009):

Ta jew ftiehem li jagħti jew offra jew ippropona lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra għandha tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil Melvin Agius, *player* ta' Santa Lucia Football Club, biex iħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' *Players*, ikun

għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l- l-Artikoli 3(3) u 9(1)(a) tal-Kapitolu 263 tal-Liġijiet ta` Malta, sabet u ddikjarat lil JOSEF BRIFFA ħati ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta` priġunerija ta` sitt (6) xhur iżda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta` priġunerija, kif ukoll għall-multa ta` elfejn euro (€2000).

Skont l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat lil Josef Briffa, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Josef Briffa minnu ppreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata billi **TILLIBERAĦ** mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanżi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**A. Apprezzament Żbaljat tal-Provi**

Illi l-appellant ser ikun qiegħed jinterponi dan l-umli appell mill-apprezzament tal-provi illi għamlet l-Onorabbli l-Ewwel Qorti.

Illi preliminarjament jiġi rilevat illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-appellant huwa ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu minħabba l-provi ċirkustanzjali tal-każ. Illi bir-rispett kollu fil-każ odjern la hemm provi diretti u wisq anqas provi indiretti illi fl-aħħar mill-aħħar ma jħallu ebda dubju illi l-appellant huwa filfatt ħati.

## 1. <u>L-EWWEL Aggravju- L-Istqarrija u x-Xhieda Guramentata tal-Appellant</u>

Jibda biex jiġi rilevat illi **L-APPELLANT DEJJEM ĊAĦAD KATEGORIKAMENT** illi huwa avviċina lil xi *players*, la qabel u lanqas waqt il-partita ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) bejn Santa Luċija u ż-Żurrieq u **<u>dan jirriżulta kemm mill-istqarrijia tal-appellant u kif ukoll mid-depozizzjoni ĠURAMENTATA tal-istess appellant.</u>** Infatti, waqt ix-xhieda tiegħu l-appellant tenna s-segwenti:

*Avukat: Issa ha nerġa' nistaqsik, taf x'allegazzjoni saret hawn hekk, illi int offrejt xi flus lil ta' Santa Luċija lil diversi plejers biex jitilfu dik il-logħba ħalli tiġu promossi intom, x'tikkumenta bil-ġurament tiegħek?*

*Xhud:* ***Jiena ma kellimt ebda persuna fil-ground.***

*Avukat: Kellimthom x'imkien ieħor?*

*Xhud:* ***Le***

*Avukat: Int avviċinajt lil xi plejers ta' kontrik dak inhar?*

*Xhud:* ***Le l-ebda persuna.***

[...]

*Avukat: Hemm xi raġuni illi taħseb saret din l-allegazzjoni minn dawn id-diversi players fuqek?* ***Inti semmejt xi flus lil xi ħadd waqt din il-logħba?***

***Xhud: Żġur li le.***

Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti flimkien ma l-istqarrija illi kellha eżebita, kellha l-fakolta' illi tisma' x-xhieda ġuramentata tal-appellant iżda xorta waħda għażlet illi kellha ssib lill-appellant ħati. Għalkemm l-Onorabbli l-Ewwel Qorti tat il-motivazzjoni tagħha għalfejn dehrilha illi kellha ssib lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu, li saħansitra l-appellant ikkonferma bil-ġurament tiegħu u x-xhieda ġuramentata tal-appellant. Illi ma jirriżulta minn imkien illi l-appellant kien xhud mhux kredibbli.

## 2. It-TIENI Aggravju- Il-Kredibilita' tax-Xhieda Melvin Agius u Brian Chetcuti

Illi *di piu',* għandu jkun hemm dubju serju dwar il-kredibilita' taż-żewġ (2) *players* tat-tim ta' Santa Luċija illi xehdu, u cioe' Melvin Agius u Brian Chetcuti, speċjalment dan tal-aħħar. Illi bir-rispett kollu, l-ewwel u qabel kollox, Melvin Agius lanqas biss għaraf lil Josef Briffa, dak iż-żmien l-imputat, u dan kif jirriżulta a fol 32 tal-proċess fejn qal is-segwenti waqt il-kontro eżami tiegħu:

*Avukat: Int ċert li kien is-sinjur? Iva jew le?*

*Xhud: In-numru 11 rajt jien.*

***Avukat: Mhux in-numru. Jekk hux qed tagħrfu hawn hekk. Qed tagħrfu iva jew le?***

***Xhud: Minn wiċċu ma nistax ngħidlek li hu. Min-numru nista' ngħid jien.***

***Avukat: Mhux qed tagħrfu. [...].***

Tajjeb ukoll illi wieħed jirrimarka illi kif xehed ukoll l-esponent u dan l-istess xhud, Melvin Agius, l-esponent appellant kellu ħuh tewmi illi kien jilgħab ukoll mat-tim taż-Żurrieq, u kien qiegħed jilgħab dakinhar tal-allegat reat. Li x-xhud Agius allegatament identifika n-numru tal-*player* illi avviċinah biss ma għandux ikun biżżejjed sabiex wieħed ikun konvint mingħajr l-iċken dubju illi

kien l-appellant illi allegatament avviċinah stante' illi speċjalment waqt logħba football wieħed faċilment jitfixkel persuna ma' oħra. Infatti, Melvin Agius sabha diffiċli sabiex jidentifika lill-imputat peress illi l-istess imputat kellu lil ħuh tewmi qiegħed jilgħab fl-istess partita:

***Pros: Inti d-diffikulta' li għandek biex tidentifika lill-imputat x'inhi? Inti semmejt xi ħaġa l-ewwel.***

***Xhud: Għax dak għandu ħuh.***

*Pros: U ħuh x'inhu? Fiż-żmien u fl-eta'?*

***Xhud: Nahseb li twins.***

***Qorti: U t-twin tas-Sur Briffa jilgħab ukoll?***

***Xhud: Iva.***

***Qorti: Lagħab fl-istess logħba wkoll?***

***Xhud: Iva.***

*Di piu',* għalkemm Agius qal waqt ix-xhieda tiegħu illi Briffa sefsiflu f'widnejh sabiex allegatament jinxtara waqt l-azzjoni ta' *corner*, f'liema azzjoni jiddeskrivi illi Briffa daħal għall-ballun bir-ras, fid-depozizzjoni tiegħu l-appellant xehed illi kien hu stess illi kien qiegħed jagħti l-*corners* dakinhar. Għaldaqstant meta wieħed jeżamina s-sitwazzjoni bir-reqqa jinduna illi kien ferm diffiċli illi l-esponent javviċina lil Agius waqt din l-azzjoni speċifika. Se mai l-Ewwel Qorti kellu jidrilha dubju ċkejken x'verament ġara dakinhar tal-partita stante' illi għandha żewġ verżjonijiet kompletament kunfliġġenti.

Illi *in oltre',* l-Onorabbli l-Ewwel Qorti għażlet illi tqis id-depozizzjoni ta' Brian Chetcuti bħala waħda kredibbli; u dan nonostante l-fatt illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jeffrey Camilleri,** kemm l-Ewwel Qorti u kif ukoll l-Qorti tal-Appelli Kriminali qieset lil dan ix-xhud bħala wieħed mhux

kredibbli. Ikun ben tajjeb illi dina l-Onorabbli Qorti tinnota illi l-każ ta' Jeffrey Camilleri kien każ identiku tal-każ odjern stante illi kien jikkonċerna l-istess logħba. Għalkemm fis-sentenza tal-każ odjern l-Ewwel Qorti tenniet illi ċ-ċirkostanżi tal-każ kienu differenti, umilment l-appellant ma jaqbel assulutament xejn ma' dan. L-ewwelnett, la Melvin Agius u lanqas Brian Chetcuti ma rrapurataw lir-*referee* dak il-ħin stess illi l-appellant allegatament avviċina lilhom; infatti dan l-allegat inċident lanqas biss kien imniżżel fir-rapport tar-*referee*. Infatti minbarra l-fatt li din tirriżulta mix-xhieda ta' Melvin Agius, fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jeffrey Camilleri,** mogħtija nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) mill-Imħallef David Scicluna, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kienet ikkunsidrat dan il-fatt bħala wieħed mill-punti sabiex iddeterminat illi Jeffrey Camilleri filfatt kellu jiġi liberat:

> Difatti l-ewwel Qorti esprimiet id-dubji tagħha minħabba l-fatt illi Brian Chetcuti ma nfurmax lill-uffiċċjali tat-*team* tiegħu mill-ewwel dwar dak li allegatament ġara – li skond dan Chetcuti ġara viċin id-disgħin minuta logħob – iżda tkellem ftit qabel ma ntemmet l-ewwel taqsima tal-ħin barrani. Imbagħad, din l-allegazzjoni lanqas ġiet riferuta lir-*referee*, tant li ma tinsabx imniżżla fir-rapport uffiċċjali tar-*referee*. L-ewwel Qorti fil-fatt ikkummentat: "Għal xi raġuni kollox jindika li r-rapport ta' Chetcuti ġie qisu *afterthought* u ma ġiex inkluż fir-rapporti uffiċċsjali.

Barra minn dan kollu, allegatament, l-unika kliem illi l-appellant qal lil Chetcuti kien *"elf wara l-loghba'*. Għalkemm l-appellant qiegħed jikkontesta bis-sħiħ il-kredibbilita' ta' dan ix-xhud, u dan stante' illi għall-istess inċident iżda fil-konfront ta' Jeffrey Camilleri kien ġie konkluż illi x-xhud ma kien wieħed xejn kredibbli. *In oltre',* jekk verament l-esponent tenna l-frażi *"elf wara l-logħba"* din ma tista' qatt titqies bħala frażi illi biha l-esponent b'xi mod prova jinfluwenza lil Chetcuti sabiex jilgħab ħażin apposta. *Di piu',* jekk kieku stess intqal dan il-kliem mill-esponent, Chetcuti ASSUMA illi l-appellant ried ifisser sabiex jinxtara għal elf Ewro ( €1,000) u dan kif ħareġ mix-xhieda tal-istess Chetcuti:

*Avukat: Int dak il-ħin x'fhimt?*

*Xhud: Biex nilgħab ħażin kontra t-tim tiegħi hux.*

*Avukat: Pero' dak x'fhimt int hux hekk?*

***Xhud: Dak x'fhimt jiena.***

Għalhekk, jidher ċar illi Brian Chetcuti kellu BISS preżunżjoni illi l-appellant qallu dak il-kliem sabiex jilgħab ħażin u ma kien ċert xejn illi fil-verita' l-appellant ried ifisser hekk. L-istess tip ta' preżunżjoni għamilha ukoll ir-*reserve goalkeeper* tat-tim ta' Santa Lucija stante' illi fix-xhieda tiegħu huwa qal li allegatament sema' lill-appellant jgħid lil *player* ieħor taż-Żurrieq il-frażi *'ma jridux jafu illum'*. Bid-dovut rispett, din il-frażi QATT ma tista' titqies bħala tip ta' prova illi l-appellant kien qiegħed jipprova javviċina lil xi *players* sabiex jinxtraw stante' illi hemm wisq probabbilitajiet għaliex wieħed jista' jgħid it-tali frażi.

3. **<u>It-TIELET Aggravju- Diversi Xhieda li ma Identifikawx lill-Appellant</u>**

Meta jsir eżami bir-reqqa tal-każ odjern jidher ċar illi diversi xhieda lanqas biss irnexxilhom jidentifikaw in-numru tal-*player* taż-Żurrieq illi allegatament beda javviċina lil *players* ta' Santa Lucija sabiex jilgħabu ħażin, aħseb u ara kemm irnexxilhom jidentifikaw lill-esponent. Biss biss wieħed mix-xhieda xehed illi l-*player* ta' Santa Luċija illi ġiet avviċinat kien ċertu Tano Farrugia illi skont hu ġie avviċinat mill-*player* numru 7 taż-Żurrieq. Barra minn hekk, ix-xhud Gordon Barbara a fol 81 tal-proċess stqarr illi l-President tal-klabb ta' Santa Luċija u cioe' Dr Victor Scerri indika lil ċertu Godfrey Chetcuti bħala l-*player* illi avviċina lil xi *players* tat-tim tagħhom. Il-verżjonijiet kunfliġġenti jkomplu wkoll fix-xhieda ta' John Urry, liema xhud indika lill-*player* bin-numru 9 illi avviċina lill-*players* taż-Żurrieq sabiex jinxtraw. Għaldaqstant, bir-rispett kollu dawn bl-ebda mod ma jitfaw l-iċken dawl fuq l-appellant illi avviċina lill-*players* taż-Żurrieq sabiex jilgħabu ħażin apposta. *Di piu'* dawn lanqas biss huma provi indiretti illi setaw iwasslu lill-Onorabbli l-Ewwel Qorti ma jkollha l-ebda dubju illi l-appellant kellu jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

4. **<u>Ir-RABA' Aggravju- Is-Sentenza Il-Pulizija v. Jeffrey Camilleri</u>**

Illi għalkemm l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, tenniet illi d-Difiża kienet għamlet aċċenn għas-sentenza ta' **<u>Il-Pulizija v. Jeffrey Camilleri</u>** u tenniet ukoll illi eżaminat bir-reqqa kemm is-sentenza tal-Ewwel Qorti u kif ukoll dik tal-Appell, l-esponent xorta waħda jtenni illi kien hemm diversi fatti ta' dak il-każ illi l-Qorti għandha tikkunsidra fl-assjem tal-provi. Illi kif diġa ġie rilevat, il-fatt illi Melvin Agius u l-esponent taw verżjoni differenti ta' kif kienet il-pozizzjoni tagħhom fil-*ground* fil-ħin tal-allegat reat ma kellha QATT tapplika kontra l-esponent; infatti fil-kawża kontra Jeffrey Camilleri l-Qorti tal-Appell tat ħafna piż lil dan u filfatt kien wieħed mill-fatti illi Camilleri kien ġie liberat. *Di piu',* fil-każ ta' kontra Jeffrey Camilleri, Brian Chetcuti kien x-xhud prinċipali u kien innutat mill-Qorti illi kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu, IŻDA kien innutat ukoll illi Camilleri ukoll kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu. L-esponenti appellant jirrileva illi dan huwa replikat fil-każ odjern stante' illi kemm hu u kif ukoll Melvin Agius taw il-verżjoni tagħhom tal-pożizzjoni illi kienu qegħdin jilgħabu dakinhar u kif ukoll kienu konsistenti f'dak illi qalu. Id-differenza f'dawn iż-żewġ każijiet hija waħda, illi fil-każ kontra Jeffrey Camilleri l-Qorti tat piż qawwi lil dan filwaqt illi fil-każ odjern l-Onorabbli l-Ewwel Qorti skartat dan kollu. Infatti, fil-każ **<u>Il-Pulizija v. Jeffrey Camilleri</u>** l-Qorti tal-Appell tenniet is-segwenti:

> Huwa minnu wkoll illi Brian Chetcuti ndika l-pozizzjoni tal-*players*, iżda hekk ukoll għamel l-appellat. Huwa minnu li Brian Chetcuti kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu, iżda l-appellat kien ukoll konsistenti fiċ-ċaħda tiegħu. **<u>Kollox ma' kollox għalhekk l-ewwel Qorti setgħet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet u din il-Qorti ma ssibx raġuni impellenti biex tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti.</u>**

**5. <u>Il-HAMES Aggravju- Il-Provi Cirkostanzjali</u>**

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha għamlet aċċenn għall-provi ċirkostanzjali, stante' illi tenniet li waslet għall-konklużjoni illi l-appellant kellu jinstab ħati fuq iċ-ċirkostanżi tal-każ. Bir-rispett kollu, **<u>FIL-KAŻ ODJERN MA HEMM EBDA TIP TA' ĊIRKOSTANZI ILLI JISTAW IWASSLU GĦALL-ĦTIJA TAL-APPELLANT.</u>** Jibda biex jiġi rilevat illi diversi sentenzi tal-Qrati Maltin jtennu b'mod konstanti illi sabiex Qorti issib ħtija fl-imputat fuq provi indizzjarji, **<u>kull ċirkostanza trid twassal għall-istess konklużjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-</u>**

**imputat.** Fil-każ odjern dan ma jirriżulta minn imkien stante' illi anki jekk wieħed iħares lejn ix-xhieda illi xehdu hemm diversi verżjonijiet differenti u kunfliġġenti. Il-Qrati Maltin tennew diversi drabi l-elementi illi jridu jkunu preżenti fil-każ sabiex il-Qorti b'mod għaqli tikkonkludi illi verament għandha tinstab ħtija fl-imputat ibbażata biss fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fil-każ **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit** mogħtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imħallef illi kien qiegħed jippresjedi l-ġuri li tenna s-segwenti:

> Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-*circumstantial evidence*. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-*circumstantial evidence*, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` **jekk is-*cicumstantial evidence* ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-*circumstantial evidence*. *Circumstantial evidence* tista' tiġi minn ħafna affarijiet.**

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg et** mogħtija nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

> Din il-Qorti kellha diversi okkażżjonijiet sabiex tippronunċja ruħha dwar is-saħħa probattiva ta' provi ċirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi **jistgħu jwasslu għall-ħtija jekk tirriżulta konklużjoni waħda. Jiġifieri li l-provi tkun univoka.**

Joħroġ ċar mill-ġurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar iżjed minn possibilita' waħda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab ħtija f'dak l-imputat stante' illi il-provi ċirkostanzjali iridu jwasslu għall-konklużjoni waħda biss

kif ġie ritenut fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Ellul Vincenti** moħgtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

> **Hemm ukoll il-provi ċirkostanzjali** illi joħorġu minn dan il-proċess, provi illi huma wkoll importanti, a dirittura mpellenti għall-prosekuzzjoni, **li jwasslu għal konklużjoni waħda u waħda biss.** Meta persuna tkun qiegħda tikkonsidra sabiex tagħmel reat, dina tagħmel minn kollox sabiex taħbi l-operat u rresponsabilta' tagħha għal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari iżda jkollok **diversi ndizji li kollha jwasslu għand l-akkuzat bħala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.**

Dan ġie ritenut ukoll fil-kawża bl-ismijiet **The Republic of Malta v. Eduardo Navas Rios** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

> It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt **this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive.**

Illi bir-rispett kollu illi l-indiżji kollha tal-każ odjern ma jwasslux għall-appellant in kwistjoni stante' illi kif ġie anki indikat iżjed 'il fuq f'dan l-appell diversi xhieda indikaw diversi persuni bħala l-*player* taż-Żurrieq illli allegatament avviċina xi *players* ta' Santa Luċija. Infatti, lanqas ix-xhud prinċipali stess, u cioe' Melvin Agius, ma għaraf lill-appellant. Bid-dovut rispett, qabel l-Onorabbli Qorti ssib ħtija f'persuna riżultanti minn provi ċirkostanzjali għandha tagħmel eżami bir-reqqa illi ma jħalliha ebda dubju ieħor stante illi kif ġie ritenut f' **Il-Pulizija v. Fabio Schembri** nhar l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

> Jidher ċar li l-ewwel Qorti kienet ben konsapevoli tal-**<u>perikolu li provi ċirkostanzjali, għalkemm ma jigdbux, jistgħu iqarrqu, tant li qabel ma straħet fuq xi prova ċirkostanzjali kienet ferm attenta li tevalwha u tikkonfrontha mal-provi fl-assjem tagħhom</u>**. Di fatti ma straħetx biss fuq ix-xorta tal-ħwejjeġ li kien liebes kull wieħed mill-persuni in kwistjoni separatament iżda ħadet in kunsiderazzjoni wkoll x'kienu lebsin iż-żewġ persuni meħuda flimkien u relattivament wieħed mal-ieħor, l-istatura taż-żewġ persuni separatament, flimkien, u relattivament ta' wieħed ma' ta' l-ieħor […].

Fil-każ odjern infatti kien hemm ċirkostanzi illi filfatt kienu juru mod ieħor mill-fatt illi l-appellant kien filfatt il-*player* li avviċina l-Agius dan anki minħabba l-fatt illi filwaqt li ġew indikati *players* oħra, ix-xhud prinċipali Melvin Agius kellu diffikulta jiddentifika lill-appellant stante' illi ħuh it-tewmi lagħab fl-istess logħba wkoll. Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **<u>Il-Pulizija v. Kyle Stone</u>** <u>nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):</u>

> Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz **<u>DPP v Kilbourne</u>** <u>[1973] AC 729, p. 758</u> "& **works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."**

Illi ċertament illi fil-każ odjern kien hemm ċirkostanzi illi setgħu iwasslu għall-possibilitajiet oħra għajr dik il-possibilita univoka li kien l-appellant BISS illi seta' jkun il-*player* taż-Żurrieq illi avviċina lil xi *players* ta' Santa Luċija.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Ili dan l-appell jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

F'din is-sitwazzjoni jkun prattiku li teżamina x-xhieda mill-ġdid. Mill-atti tal-proċess jirriżulta dan li ġej minn dak li qalu d-diversi xhieda bil-ġurament tagħhom.

**Xhieda:**

L-**Uffiċjal Prosekutur l-ispettur Angelo Gafa'** a folio 21 fix-xhieda tiegħu xehed li kien kellem lil Brian Chetcuti, Melvin Agius , Gaetano Farrugia u Franco Scicluna . Kemm Brian Chetcuti u Melvin Agius ikkonfermawlu li kienu ġew offruti elf Ewro mill-player numru 11 matul il-logħba tal-24 ta' Mejju, 2009 li kienet intlabet bejn Santa Luċija FC u Żurrieq FC. Lil Brian Chetcuti kien ukoll offrielu elf Ewro n-numru 9. Il-kliem miż-żewġ plejers kien għandek elf Ewro wara l-partita.

Wara l-partita d-diriġenti tal-club ta' Santa Luċija kienu għamlu rapport dwar dan il-każ mar-referr l-istess partita. Mill-Investigazzjoni u mid-dokumenti l-Uffiċjal Prosekutur skopra li l-plejer numru 4 taż-Żurrieq kien Jeffrey Camilleri filwaqt li n-numru 11 kien Josef Brida u dak tan-numru 9 kien Godfrey Chetcuti. Huwa kien kellem lil dawn il-plejers imma dawn nnegaw kollox.

Melvin Agius xehed fit-2 ta' Lulju, 2009 fejn qal li ilu jilgħab ma' Santa Luċija FC bejn tnax u tlettax –il sena . Huwa kkonferma li fil-logħba bejn Santa Luċija FC u Żurrieq FC tal-24 ta' Mejju, 2009 ġie avviċinat mill-plejer li kellu n-numru 11 qisu fil-bidu tal-extra time. A Fol 29 fix-xhieda tiegħu huwa jgħid is-segwenti:

*Xhud : Beda l-extra time, fl-ewwel ħames minuti kien hemm azzjoni ta' ... u ġejt avviċinat insomma* ***min-numru 11 qalli għandek 1000 Ewro jekk tinxtara u tħallina nirbħu****. Daqshekk.*

**Meta mistoqsi jekk jagħrafx lil akkużat bħala numru 11 huwa jgħid is-segwenti a fol 30-31:**

*Pros: Inti dan in-numru 11 li qallek dan id-diskors , tagħrfu f' din l-awla ?*

*Xhud: Naħseb li dak hux*

*Qorti : Mhux taħseb . Ċert jew le.*

***Xhud: Jiena min-numru rajtu.***

*Pros: Tgħarfu li huwa hu?*

***Xhu****d:* ***Naħseb li hu n-numru 11.***

*Pros: Tgħarfu?*

*Xhud: Jiena ma rajtux minn wiċċu għax jaf kien ħuh*

*Pros: Inti dan il-plejer li avviċinak x'numru kellu?*

***Xhud:11***

*Pros: Ċert minnha din*
***Xhud: Iva***

*Pros: U terġa tgħidilna x'qallek?*

***Xhud: Għandek elf Ewro jekk tinxtara u tħallina nirbħu.***

*Pros: X'għamilt inti fuq dawn il-kliem?*

*Xhud: Xejn ma tkellimtx u rrapurtajtu wara l-logħba lill-President.*

<u>**Fil-kontro eżami reġa kkonferma a fol 32 : 'In-numru 11 rajt jiena'.**</u>

<u>**A fol 35 b'mistoqsija diretta mill-Qorti:**</u>

*Qorti: Pero' lilek min avviċinak x'numru kellu?*

<u>***Xhud: 11***</u>

Huwa jsib diffikulta' jagħaraf lil akkużat fl-awla għax l-akkużat għandu ħuh tewmi.

A fol 37 xehed **Paul Sammut is-segretarju ġenerali tal-Club Santa Luċija**. Huwa kien ġie infurmat mit-teżorier John Urry li kien plejer li kellem pljer tagħhom fil-ground. Kellem lil match inspector dak il-ħin għax kienet bdiet il-logħba. Huwa jsemmi li plejer Tano Farrugia kien ġie avviċinat minn numru 9 tat-tim l-ieħor, pero' fid-dressing room kien hemm żewġ plejers oħra minn tagħhom li semmew li ġew avviċinati minn numru 11. Kellmu lil tal-MFA u lil Pulizija. Hemm proċedura pendent u jiddependi fuq dan il-każ.

Fil-15 ta' Lulju, 2009 xehed **Dr Peter Fenech bħala l-viċi president responsabbli mill-affarijiet legali fi ħdan l-MFA** . Meta mistoqsi x'numru kellu Josef Briffa f'din il-logħba huwa jikkonferma li kellu n-numru 11 u jikkwota l-MFA ID 13563 u karta tal-identita' tiegħu 418686M. Dakinhar kienu rebħu ż-żurrieq u –rebħa fissret promozzjoni għall-Club taż-Żurrieq. Inoltre, dwar da nil-każ l-MFA qed tinvestiga għall-korruzzjoni.

Ix-xhud Brian Chetcuti xehed li huwa lagħab fit-tieni half tal-partita msemmija u waqt li kien qed jiddefendi corner xi plejers qalulu *' elf wara l-logħba'* Fol 57.

*Pros: Min qallek 'elf wara l-logħba'?*

***Xhud: In-number 11***

*Pros: Tgħarfu f'din l-awla n-numru 11?*

***Xhud : Iva***

*Pros: Fejn hu?*

*Xhud: Bil-qegħda hemmhekk*

*Qorti: Hawnhekk ix-xhud qed jindika l-imputat.*

*Apparti n-numru 11 kien hemm plejer ieħor li qallu l-istess ħaġa. Pero' l-akkużat kien qallu elf wara l-logħba.*

Xehed ukoll **Dr Victor Scerri bħala l-President tal-futbol ta' Santa Luċija FC**. Huwa xehed li kien infurmah John Urry li ġew avviċinati xi plejers u offrewlhom il-flus biex jitilfu. Kien ser jibda l-extra time u fil-pront huwa bgħatt lil Paul Sammut ikellem lil match inspector dak il-ħin stess . Pero' dan qallu biex ikellmu lir-referee wara l-logħba. Ir-referee talbu kollox bil-miktub u fil-fatt tah id-dettalji. Wara huwa nforma lil Dr Peter Fenech li tlabu biex jikteb lil MFA u biex ikellem lil Pulizija. L-għada kienu marru d-depot ikellmu lil Pulizija .

Xehed ukoll l-goaler **Franco Scicluna** ta' Santa Luċija FC . Huwa kien semgħa diskors bejn il-logħba u l-extra time bejn plejer u wieħed bil-mustaċċi. U qallu 'dawn ma jridux jafu'. Meta mistoqsi jekk jagħrafx l-akkużat bħala dak li qal dan il-kliem huwa jgħid 'Mhux ċert jekk hux dan tal-ġlekk' (waqt li kien qed jindika lil akkużat) fol 75. Pero' a fol 76 jgħid' ***Jekk mhux sejjer żball***

***11 kien in-numru imma ma nafx min kien bih eżatti bħala plejer. L-isem tal-plejer ma nafux jiena , n-numru tal-gear naf.*** Huwa jżid li ma kienx qed jgħarfu għax hemm differenza mill-gear ġol ground għall-ġlekk.

**Gordon Barbara** r-referee tal-play off final tat-tieni diviżjoni fil-partita li ntlabet fl-24 ta' Mejju, 2009 u preżenta r-rapport tiegħu pero' fir-rapport hemm referenza għal plejer ieħor u mhux għall-appellant f'dan l-istadju.

**Lino Debono** li kien il-match inspector qal li jiftakar li kellmu xi ħadd minn kumitat ta' tim dwar li kien hemm xi ħadd mit-tim avversarju li avviċina lil xi ħadd biex jilgħab ħażin iżda hu qallu biex ikellem lil Pulizija u jagħmel rapport.

**John Urry** fix-xhieda tiegħu jsemmi li kiem hemm plejer tagħhom li beda jgħidilhom li n-number 9 beda jdur fuqu biex jagħtih elf Ewro. Il-plejers l-oħra mhux lilu kienu għarfu dwar min kien offrielhom l-elf Ewro.

Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2012 xehed **Josef Briffa** jikkonferma li llu minn tfulitu jilgħab futbol u maż-Żurrieq kienet xi l-ħames logħba tiegħu. Huwa jgħid li mhux veru li kellem lil Melvin Agius f'widnejh għax dakinhar corners kien ta u li għalih dan huwa kollu gideb għax dawn l-affarijiet ma jagħmilhomx. Meta mistoqsi jekk kienx jaf lil Melvin Agius huwa jgħid li ma jafux l-anqas minn wiċċu. Huwa jiċħad li qatt offra l-flus lil xi ħadd waqt xi logħba. Fir-rigward tad-dejn tal-FC taż-Żurrieq huwa jgħid li kien jaf bid-dejn. Fir-rigward tal-allegazzjoni li kien nstema' jgħid '*dawn ma jridux jafu* lil President John Farrugia ' huwa jgħid li dak il-ħin kienet forma ta' nkorreġiament lit-tim biex jitilgħu second division. Jikkonferma li ħuħ tewmi jilgħab fl-istess tim bin-numru 10. Mistoqsi x'numru kien libes dakinhar huwa jikkonferma li kien libes il-flokk numru 11 u li hu u ħuh kienu lagħbu l-logħba kollha barra l-penalties. Inoltre, jerġa jiċħad li kellem lil xi ħadd fil-ground jew x'imkien ieħor rigward flus. Jerġa jtenni li lil Melvin Agius u Brian Chetcuti ma kienx jafhom u qatt ma kellhom xi jgħidu bejnithom.

**Aggravji**

**Fl-ewwel Aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellant dejjem ċaħad l-involviment tiegħu, kemm fl-istqarrija u kif ukoll fix-xhieda tiegħu.**

Għalkemm l-appellant jiċħad kategorikament li huwa kellem jew offra xi flus. Ix-xhieda kemm ta' Melvin Agius u ta' Brian Chetcuti jikkonfermaw mod ieħor. L-appellant stess meta mistoqsi jekk qatt kellu xi jgħid max-xhieda jew hekk huwa jgħid li le. Iġifieri ma setax kien hemm intenzjoni li dawn iħammġuh biex jieħdu xi ħaġa. Id-dinamika ta' kif ġraw l-affarijiet jagħmlu s-sitwazzjoni iktar ċara għax l-appellant offra l-flus meta kienu qegħdin draw- matul il-logħba u mhux wara.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju huwa dwar l-kreddibilita' tax-xhieda**

**Wara li eżaminat l-atti u x-xhieda mogħtija mix-xhieda speċjalment ta' Melvin Agius u Brian Chetcuti , din il-Qorti tinsab konvinta mix-xhieda tagħhom.**

**L-Artikolu 638 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:**

*(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Skont l-Artikolu 638(2) ix-xhieda ta' Melvin Agius hija biżżejjed u kredibbli u hija sostanzjata minn Brian Chetcuti.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismiijiet Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra rriteniet li *"Mhux rikjesti ħafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal għal konvinċiment skond l-liġi, iżda biżżejjed prova waħda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwiżit tal-konvinċiment morali mill-ħtija tal-akkużat."*

Għaldaqstant  dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li diversi xhieda ma ddentifikawx lill-appellant.**

a) **Melvin Agius jikkonferma li l-appellant kellu n-numru 11 fuq il-flokk tiegħu.**

Minn eżami tax-xhieda ta' Melvin Agius  bejn fol 29-35 **Sitt  darbiet** jikkonferma li kellu flok bin-numru 11  l-appellant u li kien offrielu l-Elf Ewro wara l-logħba. Huwa ma jikkonfermax wiċċu minħabba li l-appellant għandu tewmi imma dwar l-fatt li l-plejer li kellu n-numru 11 fuq il-flokk kien avviċinah hija konfermata kemm –il darba minn dan ix-xhud li ma jħalli ebda dubju li kien ċert minn numru li qed jgħid anke b'mistoqsija diretta mill-Qorti jerġa jikkonferma li kien in-numru 11 li offrielu l-flus. Inoltre, l-fatt li kien libes l-flokk bin-numru 11 għal partita huwa konfermat bid-dokument esebit a fol 52 tal-atti preżentat minn Dr Peter Fenech li juri l-lista ta' b'liema numru lagħbu l-plejers dakinhar. Inoltre, jikkonferma l-fatt li ħuh kien lagħab bin-numru 10 u il hu kien lagħab bin-numru 11 jixhdu l-appellant stess fix-xhieda tiegħu.

b) **Brian Chetcuti** kif jidher anke mix-xhieda kwotata aktar 'l fuq mill-atti jagħraf lil appellant fl-awla u  jikkonferma li kien libes l-flokk numru 11 fil-partita.
c) **Franco Scicluna** jiftakar in-numru li kellu l-appellant ukoll u jikkonferma n-numru 11.
d) Ix-xhieda li kellhom jagħrfu lil appellant huma Melvin Agius u Brian Chetcuti x-xhieda l-oħra setgħu jikkonfermaw id-dinamika tal-fatti biss għax l-appellant mhux lilhom kien avviċina.

**Ix-xhieda primarjament involuti kollha jindikaw in-numru 11 bħala dak li kien avviċinhom.**

Għaldaqstant  dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**Ir-raba' aggravju huwa rigward is-sentenza Pulizija vs Jeffrey Camilleri**

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda s-sentenza mogħtija fl-ismijiet Pulizija vs Jeffrey Camilleri minn Qorti diversament preseduta u cioe' li l-Qorti fuq il-provi li għandha quddiemha tista' tiddeċidi u mhux fuq provi li mhumiex in atti. Għalkemm il-fatti huma simili, l-provi preżentati huma differenti.

**Il-Ħames aggravju jirrigwarda l-provi ċirkostanzjali**

Din il-Qorti tħoss li ċ-ċirkostanzi tal-każ kollha jindikaw lill-appellant bħala dak li avviċina ż-żewġ plejers in kwistjoni u għaldaqstant l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

**Piena**

Fir-rigward tal-piena imposta mill-Ewwel Qorti, din hija waħda fil-parametri tal-liġi u din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba tali deċiżjoni.

Għaldaqstant tichad l-appell ta' Josef Briffa u tikkonferma s-sentenza appellata.